**30 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Maria Carmela Darmanin

*versus*

Josephine Rossoni

**Lokazzjoni — Bejgħ jew Enfitewsi tal-Fond Mikri — Viżita tal-Fond mill-Akkwirenti.**

*Is-sid ta' fond mikri, meta jkun irid ibiegħu jew jagħtieh b'ċens, għandu dritt jikkostrinġi lill-inkwilin jippermetti li l-fond jiġi viżitat minn min ikun irid jixtrieh jew jieħdu b'ċens.*

*Però, sabiex jiġu konċiljati id-dritt tas-sid ma' dawk tal-inkwilin, dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat bl-anqas skommodu għall-inkwilin; u allura tiffissa l-Qorti l-ġranet u l-ħinijiet meta l-akkwirenti prospettivi jkunu jistgħu jivviżitaw il-fond.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress illi l-attriċi hija l-proprjetarja tal-fond 124 Valley Road, Birkirkara, li jinsab mikri lill-konvenuta, u hija tixtieq tiddisponi mill-istess fond billi tbiegħu jew tagħtih b'ċens lill-aqwa offerent; u peress illi l-attriċi kemm il-darba talbet lill-konvenuta biex tinformaha bi ġranet u ħinijiet konvenjenti għaliha sabiex hija tkun tista' tieħu nies interessati sabiex jispezzjonaw l-istess fond, iżda inutilment; u peress illi din l-inadempjenza tal-konvenuta tista' tarreka danni lill-attriċi; talbet li l-Qorti tiffissa hi ġranet u ħin għall-ispezzjon tal-fond imsemmi mix-xerrejja u/jew enfitewti prospettivi tal-istess, u fin-nuqqas il-Qorti tagħti l-provvedimenti opportuni għat-tenur tal-art. 220 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. B'riżerva ta' kull azzjoni tad-danni, u bl-

ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' April 1961;

*Omissis*;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Mejju 1961, li biha qatgħet u ddeċidiet billi laqgħet it-talba attriċi, u ordnat lill-konvenuta tippermetti lill-eventwali xerrejja talpost jivviżitaw il-fond minnha detenut fil-jum ta' nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt, bejn il-5 u s-6 p.m., għal tliet ġimgħat mill-ġimgħa ta' wara. Jekk kemm il-darba l-konvenuta tkun marida f'waħda mill-ġranet imsemmija, għandha tavża preventivament lill-attriċi b'ittra reġistrata, u l-jum li jaqbes jiġi sostitwit bl-istess jum tal-ġimgħa oltre t-tliet ġimgħat; u jekk tonqos li tobdi tkun tenuta għad-disprezz tal-Qorti. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta. Wara li kkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni li fid-Dritt il-"jus" tal-attriċi għandu jkun dikjarat. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma huwa sejjer inaqqas xejn mid-dritt ta' detenzjoni tal-konvenuta u ma kelliex għalfejn tirrifjuta r-rikjesta tal-attriċi;

Illi jingħad, però, li sabiex jiġu konċiljati tant id-dritt tal-attriċi kemm dak tal-konvenuta, wieħed irid jikkonċedi l-eżerċizzju tad-dritt tal-attriċi bl-anqas skommodità għall-konvenuta;

Rat in-nota li biha l-konvenuta appellat minn dik issentenza, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha;

*Omissis*;

Billi din il-Qorti taqbel mar-raġunamenti u l-konklużjoni miġjuba fis-sentenza appellata, anki wara li semgħet lill-konvenuta stess bil-ġurament, u għalhekk hemm lok għall-adozzjoni tal-motivi tal-Ewwel Qorti;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.